MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

It-Tlieta 6 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-7:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 30.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

30.1.1 Ma kien hemm ebda qari tal-ittri tal-apologiji.

## 30.2 Tahrika ta' Kawza tal-Pulizija u Avviz ghas-smiegh ta' kawza.

30.2.1 Is-Sindku semma li huwa u s-Segretarja Ezekuttiva rcievew tahrika ta' Kawza tal-Pulizija dwar l-incident li sehh nhar it-18 ta' Lulju 2017 fejn korra Joseph Buttigieg. Is-Sindku semma li huwa ser iqabbad Avukat tal-fiducja tieghu li huwa Dr Peter Paul Zammit li huwa l-Avukat personali tieghu. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li l-Avukata tal-Kunsill issuggerit li ahjar jigi mqabbad Avukat iehor li jkun specjalizzat fuq dawn it-tip ta' kawzi. Is-Segretarja ssuggerit li ghandu jigi mqabbad Dr Joe Giglio, dan kien gie mqabbad mill-Kunsill Lokali San Lawrenz minhabba kaz li huma kellhom. Il-Kunsill unanimament qabel li ghandu jigi mqabbad l-Avukat Dr Joe Giglio flimkien mal-Avukata tal-Kunsill Dr Renata Formosa ghan-nom tal-Kunsill Lokali Qala.

30.2.2 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva Avviz ghas-smiegh ta' kawza ta' Peter Paul Said vs Kunsill Lokali Qala dwar diversi xogholijiet li saru fil-lokalita`. Is-Sindku semma li huwa ser iqabbad Avukat tal-fiducja tieghu fuq dan il-kaz.

Giet trattata din il-materja:

Giet trattata c-certifikazzjoni tal-Accountant John C Buttigieg dwar ir-rendikont tad-dhul u l-hrug kollu mill-attivita` tal-Qala International Folk Festival 2017. Il-Kunsill approva din ic-certifikazzjoni.

## 30.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.3.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:45 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu 2018 fis-6:00 ta' filghaxija.

Konfermati, illum 27 ta' Marzu 2018

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiv |